

Brussell, 26 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7777/26

POLCOM 121
WTO 46

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Konklużjonijiet fil-bidu tal-14-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni
Dinjija tal-Kummerċ

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill fil-bidu tal-14-il Konferenza
Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, kif adottati mill-Kunsill fis-
26 ta' Marzu 2026.

Konklużjonijiet fil-bidu tal-14-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

1. L-Unjoni Ewropea hija impenjata għal sistema kummerċjali multilaterali miftuħa, ġusta u bbażata fuq ir-regoli b'WTO modernizzata fil-qalba tagħha. L-UE tappoġġa pakkett sinifikanti ta' eżiti għall-14-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (MC14), u tappella lill-Membri kollha tad-WTO biex jikkontribwixxu b'mod kostruttiv, f'konformità mal-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tagħhom. F'ordni ekonomiku dejjem aktar frammentat, l-istabbiltà u l-prevedibbiltà ta' sistema kummerċjali multilaterali bbażata fuq ir-regoli huma meħtieġa aktar minn qatt qabel.
2. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-MC14 f'kontest fejn id-WTO tinsab f'mument kritiku u, mingħajr riforma profonda u komprensiva, f'riskju ta' rilevanza mnaqqsa, li tkompli tnaqqas is-sistema kummerċjali dinjija bbażata fuq ir-regoli. Għalhekk, l-MC14 jeħtieġ li tagħti riżultati bħala "Ministerjali tar-riforma" u sservi bħala pass lejn proċess ta' riforma fundamentali fil-perjodu bejn l-MC14 u l-MC15.
3. Il-Kunsill huwa impenjat għal proċess ta' riforma tad-WTO ċċentrat fuq tliet pilastri: il-prevedibbiltà, l-ekwità u l-flessibbiltà sabiex l-organizzazzjoni tkun tista' tkompli twassal b'mod effettiv l-oġġettivi tagħha u tirrispondi għall-isfidi kummerċjali dinjija urġenti relatati b'mod partikolari mal-politiki industrijali, il-kummerċ diġitali, il-klima, il-bijodiversità u r-reżiljenza. Fid-dawl ta' dan, waħda mill-prijoritajiet tal-UE hija li tindirizza t-tensjonijiet kummerċjali li tfaċċaw matul dawn l-aħħar ftit snin, b'mod partikolari minħabba Prattiki u politiki mhux tas-suq, b'enfasi fuq is-setturi industrijali u kwistjonijiet ta' kundizzjonijiet ekwivalenti.
4. Is-sistema riformata teħtieġ ukoll li tirrifletti r-realtajiet ekonomiċi li nbidlu, tindirizza l-iżbilanċi fid-drittijiet u l-impenji tal-Membri, tiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti, u toffri qafas ta' regoli aktar flessibbli, fosthom approċċi ta' ġeometrija varjabbli mirfuda minn struttura ta' governanza riveduta.

5. Għalhekk, il-Kunsill jappoġġa l-istabbiliment ta' programm ta' ħidma strutturat ta' wara l-MC14 dwar ir-riforma tad-WTO, taħt l-awtorità tal-Kunsill Ġenerali, u jappella għal rapportar regolari u stadji importanti konkreti biex jinżamm il-momentum fit-tnejn għall-MC15.
6. Sistema għas-soluzzjoni tat-tilwim effiċjenti u li tiffunzjona bis-sħiħ li tkun aċċessibbli għall-Membri kollha tibqa' prijorità. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jiġi żgurat li r-regoli tad-WTO jibqgħu infurzabbli permezz ta' proċeduri stabbiliti aktar milli azzjonijiet unilaterali. L-UE tinsab lesta li tkompli b'din il-ħidma u tibni fuq il-progress li diġà sar, kull meta l-kundizzjonijiet ikunu tajbin. Madankollu, minkejja l-ħidma sostanzjali li saret fid-diskussjonijiet dwar ir-riforma tas-soluzzjoni tat-tilwim mill-MC12, is-sistema mhijiex qed tiffunzjona bis-sħiħ. F'dan l-isfond, il-Kunsill ifakkar li l-Arranġament Proviżorju ta' Arbitraġġ tal-Appell bejn Bosta Partijiet (MPIA) huwa aktar importanti minn qatt qabel bħala soluzzjoni temporanja biex tiġi ppreservata sistema ta' soluzzjoni tat-tilwim li tiffunzjona bis-sħiħ fost il-Membri disposti.
7. Huwa jappoġġa wkoll programm ta' ħidma li jeżamina modi ġodda possibbli ta' ħidma biex l-organizzazzjoni tkun effettiva fil-kuntest tas-seklu 21, fosthom il-kwistjoni tal-kunsens, u l-inkorporazzjoni f'waqtha ta' ftehimiet plurilaterali fid-WTO, b'mod partikolari dwar il-kummerċ elettroniku, il-faċilitazzjoni tal-investment għall-iżvilupp u fil-qasam tal-kummerċ u l-ambjent. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-inkorporazzjoni tal-Ftehim dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment għall-Iżvilupp fil-qafas legali tad-WTO, minħabba s-sħubija wiesgħa u l-benefiċċji għall-iżvilupp tiegħu. Huwa jinnota wkoll l-importanza tal-kummerċ diġitali u l-objettiv li jiġu stabbiliti regoli kummerċjali moderni f'dan il-qasam. Il-Kunsill jappoġġa l-progress lejn l-implimentazzjoni malajr kemm jista' jkun tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku fuq bażi plurilaterali jew multilaterali, inkluż permezz tal-applikazzjoni tiegħu fuq bażi proviżorja. Il-Kunsill jistenna b'interess ukoll l-estensjoni, preferibbilment fuq bażi permanenti tal-moratorju multilaterali fuq id-dazji doganali fuq trażmissjonijiet elettroniċi, u jqis il-Programmi ta' Ħidma dwar il-kummerċ elettroniku bħala qafas siewi. Jekk jiġi stabbilit Kumitat ġdid biex iwettaq il-kompiti tal-Programm ta' Ħidma dwar il-Kummerċ Elettroniku, l-Unjoni għandha żżomm relazzjoni bejn il-Kumitat u l-kontinwazzjoni, inkluż fir-rigward tad-durata taż-żmien, tal-moratorju multilaterali fuq id-dazji doganali fuq it-trażmissjonijiet elettroniċi, sakemm dan ma jipprevjenix lill-UE milli tingħaqad ma' eżitu maqbul mibni fuq kunsens.

8. Fil-qasam tal-agrikoltura, il-Kunsill jappoġġa eżiti bbilanċjati biex javvanza n-negozjati dwar il-kwistjonijiet agrikoli kollha. Dan jista' jinkludi l-insewiment ta' aktar trasparenza dwar ir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni kif ukoll soluzzjoni għall-kwistjoni taż-żamma ta' ħażniet pubbliċi għal finijiet ta' sigurtà tal-ikel, bħala parti minn eżitu usa' dwar l-agrikoltura. L-eżiti jridu jkunu kompatibbli mal-Politika Agrikola Komuni u mal-isforzi tal-passat u tal-preżent tal-UE biex jiġu adottati miżuri li ma jfixklux il-kummerċ u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, u jridu jissalvagwardaw is-sostenibbiltà ekonomika tal-azjendi agrikoli tal-UE.
9. Fir-rigward tal-ħidma fuq is-sigurtà tal-ikel u r-rispons ta' emerġenza, il-Kunsill ifakkar li l-azzjoni tad-WTO tibqa' meħtieġa biex twieġeb għall-isfidi attwali tas-sigurtà tal-ikel, inkluż fid-dawl tal-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. L-aggressjoni Russa, appoġġata mill-Belarussja, tikser b'mod deliberat il-Karta tan-NU, tinjora l-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli, u ddgħajjed is-sigurtà u l-istabbiltà internazzjonali.
10. Il-Kunsill itenni l-importanza tal-iżvilupp fl-aġenda tad-WTO. Huwa jissottolinja li s-sistema kummerċjali multilaterali bbażata fuq ir-regoli tappoġġa l-iżvilupp sostenibbli u l-integrazzjoni progressiva tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-kummerċ globali. Il-Kunsill jappoġġa l-isforzi biex jiġi indirizzat it-tħassib tal-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs), inkluż fir-rigward ta' proposti dwar miżuri ta' appoġġ għal tranżizzjoni b'inqas xkiel għall-Membri tad-WTO li jiggradwaw mill-kategorija LDC, u jfakkar fl-importanza ta' approċċi mmirati u bbażati fuq il-ħtiġijiet.
11. Il-Kunsill jilqa' d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar is-Sussidji għas-Sajd fil-15 ta' Settembru 2025 u jissottolinja li l-Membri tad-WTO għandhom jagħmlu hilitom biex jilħqu ftehim dwar dispożizzjonijiet addizzjonali biex jinkisbu dixxiplini komprensivi. Il-Kunsill jappoġġa l-impenn tal-UE lejn eżitu li huwa konsistenti mal-politiki tal-UE u li jippreserva miżuri ta' appoġġ xierqa filwaqt li jiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti u jżomm is-sostenibbiltà fil-qalba tiegħu.

12. Il-Kunsill japprova l-abbozzi ta' Dikjarazzjonijiet dwar:

- *Dikjarazzjoni li tappoġġa s-Sistema ta' Negozjar Multilaterali Bbażata fuq ir-Regoli: ir-Rwol tal-MPIA (ST 7643/26)*
- *Dikjarazzjoni dwar Arranġament interim għall-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku (ST 7739/26)*
- *Dikjarazzjoni Ministerjali dwar l-inizjattiva tar-riforma tas-sussidji għall-fjuwils fossili (FFSR) (ST 7644/26)*
- *Komunikat għall-adozzjoni fit-tielet laqgħa tal-Koalizzjoni tal-Ministri għall-Kummerċ dwar il-Klima (ST 7645/26)*
- *Deċiżjoni Ministerjali dwar il-Programm ta' Ħidma dwar Ekonomiji żgħar (WT/MIN(26)/W/9)*
- *UE-CPTPP Dikjarazzjoni Konġunta tas-27 ta' Marzu 2026 b'appoġġ għad-WTO (ST 7710/26)*

13. Il-Kunsill jappoġġa lill-Kummissjoni fl-isforzi tagħha biex l-MC14 tkun suċċess u jistenna b'interess li jkun hemm koordinazzjoni tajba bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni f'dan ir-rigward. Il-Kunsill ser jivvaluta l-progress magħmul bil-ħsieb li jintlaħaq riżultat bilanċjat konformi mal-kondizzjonijiet stipulati hawn fuq. Għal dan l-għan, il-Kunsill jistenna b'interess il-proposti tal-Kummissjoni fir-rigward tat-testi tal-abbozzi ta' Dikjarazzjonijiet diskussi fid-WTO.